RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa F49**
**Il-Kunsill iltaqa' nhar**
**Il-Hamis 11 ta' Ottubru 2012 fis-7.00 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sna Doris Coleiro | Vici-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |
| Dr. Robert Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sna Odette Manicaro | Kunsillier |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Ezekuttiv |

**1.00 Qari u approvazzjoni tal-Minuti F48**

1.01 Is-Sindku Alexander Craus ppropona li l-minuti tas-seduta numru F48 tal-Kunsill jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Vici Sindku Doris Coleiro. Il-minuti gew approvati. Approvazzjoni tal-Minuti Laqgha F48

** Il-Kunsillier Odette Manicaro dahhlet ghal-laqgha fis-7.10p.m

**2.00 Korrezzjonijiet F48**

2.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet. Korrezzjonijiet F48

KUNSILL LOKALI RABAT

8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

**3.00 Punti li johorgu mill-Minuti F48**

3.01 3.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-Kunsill kien gie nfurmat mill-Fondazzjoni Majjistral li l-ammont ta' € 79,869.06 li kienu fil-lista tar-reserva, dawn issa kienu ser jghaddu ukoll lil Kunsill Lokali tar-Rabat. Is-Sindku kompla billi qal li issa l-pass li jmiss kien li jsir l-iffirmar tal-kuntratt. Progett ta' Triq Santa Rita u Triq San Katald

3.02 3.04 Is-Sindku informa l-laqgha li hu flimkien mal-perit tal-kunsill is-Sur Daniel Micallef kienu iltaqghu mal-perit tat-Tm is-Sur David Vassallo, sabiex jaghti l-opinjoni tieghu dwar x' inhu l-ahjar li jsir. Is-Sindku kompla billi qal li l-proposti u l-pjanti ser jitellghu ghad-diskussjoni fis-seduta tal-Kunsill li jmiss, sabiex imbaghad dawn jigi diskussi mal-Arcikonfraternita' ta' San Guzepp. *Embellishment* tal-Monument ta' San Guzepp

** Il-Kunsillier Rudolf Grima dahal ghal-laqgha fis-7.20p.m

Is-Sindku informa l-laqgha li l-applikazzjoni ghad-devoluzzjoni ta' Misrah Anton Aguis (l-Ghalqa ta' Kola) kienet intbaghtet lil Ministeru ghall-Kompetizzjoni Gusta, Negozji Zghar u Konsumatur. Hu kompla billi sahaq dwar l-importanza li l-Kunsill jaghmel *traffic management assessment*. Il-Kunsill qabel li jqabad persuna kompetenti fis-suggett sabiex thejji dan it- *traffic management assessment*. Talba ghad-devoluzzjoni ta' Misrah Anton Aguis (l-Ghalqa ta' Kola).

3.03 4.02 Is-Sindku Alexander Craus informa l-laqgha li l-Kunsill kien qed jistenna li jaslu t-tabelli sabiex issir dan it-tibdil fis-sistema tat-traffiku fi Triq St. Antnin. Huwa sahhaq dwar il-bzonn li ninfurmaw anke lil iskola sabiex jinfurmaw lil genituri b'dan it-tibdil. Il-kunsill qabel Tibdil fis-sistema ta' traffiku fi Triq St. Antnin.

3.04 4.03 Is-Sindku Alexander Crausipprezenta r-rapport tal-Bord tal-Aggudikazzjoni, fejn gie irrimarkat li l-uniku persuna li urit interess ma lahqitx ir-rekwiziti mehtiega. Sejha gdida ghal kwotazzjoni tal-Progett Archaeotour-kompetizzjoni tal-arti.

Is-Sindku ppropona li l-kunsill jirrisolvi li l-kwotazzjoni Ark 21/12 tal-Progett Archaeotur dwar kompetizzjoni tal-arti terga tinhareg u ssir sejha gdida. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Antoine Borg. Il-Kunsill qabel Nem. Con.

3.05 4.09. Is-Sindku pprezenta r-rapport ta' aggudikazzjoni mhejji mil-perit tal-kunsill – is-Sur Daniel Micallef. Minkejja li kien hemm kumpanija wahda li urit l-interess ghal dan ix-xoghol l-perit tal-kunsill xorta irrakomanda li x-xoghol jinghata lil kumpanija *Central Asphalt Ltd* peress li r-rati sottomessi huma ragonevoli meta ikkomparati mal-prezz tas-suq. Kopja ta' dan ir-rapport tinsab annessa ma dawn il-minuti. Il-Kunsill qabel li ghandu joqghodu fuq ir-rakkomandazzjoni tal-perit tal-kunsill. Il-Kunsill qabel Nem. Con Ghazla tat-*Tender* ghal *Period Contract for Road Resurfacing* - RLC/T/116/12

**4.00 Komunikazzjoni mis-Sindku nkluz korrispondenza**

4.01 Is-Sindku nforma il-laqgha li l-MCCAA kienet infurmat lil kunsill li ghat-tieni sena kienet ser taghmel spezzjoni fuq il-*playgrounds* li jaqghu taht ir-responsabilita tal-kunsill. Hu kompla billi qal lil l-MCCAA kienet qed titlob lil kunsill sabiex jahtar persuna ghal kull *playground* sabiex tassisti lil ufficjal tal-MCCAA meta jkunu ser issir l-ispezzjonijiet. L-MCCAA infurmat ukoll li fix-xhur li gejjien kien ser issir kors ta' tahrig ghal persuna/i mahtura mill-Kunsill sabiex ikunu imharga dwar Spezzjonijet mill-MCCAA fuq il-*playgrounds*

spezzjonijiet li ghandhom isiru fuq il-*playgrounds*.

Il-Kunsill iddecieda li din l-materja m'ghandhiex taqa' taht ir-responsabilita' tal-kunsill, kemm kunsilliera kif ukoll impjegati ghaliex haga bhal din ma tirrekjedix biss kors, izda hija natura ta' professjoni ghaliex tirrigwarda s-sigurta' u hajjet in-nies. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lil Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex tkun hi li tidhol f'din il-materja.

** Il-Kunsillier Robert Micallef dahal ghal-laqgha fis-7.55p.m

4.02 Is-Sindku ipprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill il-kuntatt li gdid tal-*Green Mt*. Hu kompla billi qal li dan il-kuntratt kien wasal biex jiskadi u ghalhekk talb li jigi diskuss.

Il-kuntratt il-gdid tal-*Green Mt*

Wara diskussjoni li saret il-Kunsill iddecieda li dan il-kuntratt ghandu jigi diskuss f'aktar fid-dettal. Il-Kunsill qabel li s-Sindku Alexander Craus u l-Kunsilliera Robert Micallef u Peter Paul Azzopardi jiehdu f'idejhom din il-materja u jekk ikun hemm bzonn jiltaqghu ma' *Green Mt* f'isem l-Kunsill. Sar qbil ukoll li d-decizzjonijiet mehuda minn dawn t-tlett persuni tkunu wahda finali

4.03 Is-Sindku nforma il-laqgha li l-Kunsill kien ircierva talba mill-Kullegg Missjunarju ta' San Pawl fejn qed jitolbu li t-tabelli li ma jippermettux dhul ta' vetturi f'certi hinijiet fl-inhawi tal-iskola jitbiddlu, peress li l-hinijiet li hemm indikati fuqhom m'ghadhomx jghoddu. Huma qed jitolbu li ma jinghatx access ghal-inhawi bejn is-7.15am – it-8.30am u bejn is-2.00pm – it-3.30pm hlief ghat-transport tal-iskola. Il-Kunsill qabel li jilqa din it-talba.

Talba mill-Kullegg Missjunarju ta' San Pawl

4.04 Is-Sindku ppropona li bhal kull sena jintxraw *diaries* ghas-sena 2013 ghal Kunsilliera, l-Membri tal-Kumitati Ammistrativi u l-*istaff*. Il-Kunsill qabel u awtorizza lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex tiddecidi skond il-htiega wara li jkun ingabru l-kwotazzjonijiet.

Xiri ta' *diaries* 2013

**5.00 Komunikazzjoni mil-Kunsilliera**

5.01 Il-Kunsillier Nazju Cassar talb sabiex tintnehha skip (griza) li hemm mitluqa go Misrah Suffara. Issekonda din il-proposta s-Sindku Alexander Craus. Il-Kunsill qabel.

*Skip* mitluqa go Misrah Suffara

5.02 Il-Kunsillier Nazju Cassar nforma l-laqgha li biex jitkompla ix-xoghol ta' twettieh ta' konkos fi Triq il-Buskett fl-inhawi ta' Klarig, il-bdiewa ghandhom bzonn *dumper* minhabba li t-trejqa hija dejqa wisq biex jidhol trakk. Il-Kunsill approva li jinkera *dumper.*

Kiri ta' *Dumper*

5.03 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi sahhaq dwar il-bzonn li l-ewwel *parking bay* fi Triq Konti Ruggieru min naha ta' Triq l-Kullegg ssir *loading/unloading bay*. Il-Kunsill qabel li japplika ma' Tm.

*Loading/unloading bay* fi Triq l-Konti Ruggieru

5.04 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi qal li fi Triq Konti Ruggieru hemm wire mdendel mal-faccati tar-residenti. Hu talb li l-kunsill jikteb lil entita koncernata sabiex jiehdu azzjoni. Il-Kunsill qabel

Wire mdendel fi Triq Konti Ruggieru

5.06 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi sahaq dwar il-bzonn li issir rampa ghal persuni b'dizabilita sabiex ikollhom access ghall-isqaq ta' hdejn il-hanut Fiorita. Il-Kunsill qabel li jintalb l-parir tal-perit tal-kunsill biex jekk tista issir jaghtina stima tax-xoghol sabiex imbaghad tigi diskussa fil-kunsill — Rapma ghal-persuni b'dizabilita

5.07 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi qal li fil-bidu ta' Triq Konti Ruggieru hemm l-kurduna tal-bankina imkissra. — Kurduna mkissra Triq Konti Ruggieru

5.08 Il-Kunsillier Antoine Borg qal li Bieb ir-Ruwa hemm diversi *culverts* taht il-bankini li jinsabu mikxufa. — *Culvert* Bieb ir-Riebu

5.09 Il-Kunsillier Rudolf Grima talb li l-kunsilliera jkunu nfurmati b'kull *works order* ghal xogholijiet ta' konkos u *patching* li jkunu ser issiru. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Antoine Borg. — *Works Orders*

Il-Kunsillier Antoine Borg issugerixxa li kull *works order* ghal xogholijiet ta' konkos u *patching* tibda tintbghat lil kunsilliera *via email*. Il-Kunsill qabel.

** Il-Kunsillier Antoine Borg talab li jigi skuzat fis-8.30 p.m.

5.09 Il-Kunsillier Rudolf Grima staqsa lis-Sindku fiex wasal l-process ta' *No Objection* ta' *Baxxa Cafeteria* li tinsab fi Triq l-Kbira, sabiex ikun jista johrog l-imwejjed u s-siggijiet barra. — *No Objection* lil *Baxxa Cafeteria*

Is-Sindku wiegeb li huwa kien issuggerixxa l-sidien biex flok bankina gholja issir bankina baxxa sabiex f'dawk il-hinijiet li l-hanut ikun maghluq ir-residenti ikunu jistghu jipparkaw. Huwa qal li s-sidien ma kienux qablu ma' dan is-suggeriment ghax qalu li jekk ikun hemm l-karrozzi ipparkjati fil-hin tal-ftuh ikollhom diffikulta biex issibu lis-sidien tal-karozzi biex icaqalquhom, apparti l-fatt li jista jkun hemm minn ma jkunx irrid jaghmel dan. Is-Sindku sahhaq li it-tnehhija ta' zewg *parking bays* kienet ser tkompli izzid l-problema ta' parkegg ghar-residenti li joqghodu fl-akwati.

Il-Kunsillier Rudolf Grima argument li la darba l-kunsill diga hareg *No Objection* f'okkazzjonijiet ohrajn ma jarax ghalfejn l-Kunsill m'ghandux jimxi bl-istess mod f'dan il-kaz. Ghaldaqstant huwa ippropona, u l-Kunsillier Nazju Cassar issekonda li f'sitwazzjonijiet simili u fejn ikun possibli l-Kunsill ghandu jagevola' ukoll lil kommunita' tan-negozju fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel.

5.10 Il-Kunsillier Robert Micallef qal li r-residenti ta' Misrah Suffara qed jilmentaw li it-triq qed izzomm ghadajjar bl-ilma kull darba li taghmel ix-xita. Huwa qal li meta saret it-triq it-tarmak ma sarx sal-hajt u allura mhux qed ikun hemm qlib. — Problema fi Triq Misrah Suffara

**6.00 Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-hlasijiet**

6.01 Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-iskeda tal-hlasijiet numru 213 tigi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech. — L-iskeda tal-hlasijiet numru 213

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat rapport dettaljat dwar l-pagamenti marbuta

mal-Progett tal-EU CAP li jidhru f'din l-iskeda tal-pagamenti. Dan ir-rapport jinsab anness ma' dawn l-minuti.

## 7.00 Aggornament

7.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ghandha ssir nhar l-Hamis 8 ta' Novembru 2012 fis-7.00 p.m. Aggornament

7.02 Il-laqgha ntemmet fil-9.15 p.m

**Alexander Craus**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Ezekuttiv**